*Qbiela*

*Zgumbrament*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019

**Kawza Numru : 28**
**Rikors Guramentat Numru : 715/2015/LSO :**

**L & D Attard Company Limited (C-2398)**

**vs**

**Filippa Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' L & D Attard Company Limited (C-2398) datat 24 ta' Lulju 2015 fejn bir-rispett u bil-gurament taghha Cristina Mifsud (177475M) ikkonfermat li taf personalment:

Illi l-esponenti L & D Attard Company Limited hija proprjetarja tal-ghalqa 'Tal-Hlas', fi Triq Tal-Hlas, limiti ta' Hal-Qormi.

Illi l-imsemmija ghalqa tinsab okkupata mill-intimata Filippa Agius minghajr ebda jedd validu fil-ligi.

Illi b'ittra legali tat-8 ta' Awwissu 2011 u ohra tad-19 ta' Awwissu 2011, l-esponenti avzat lill-intimata li hija kienet qieghda tokkupa l-ghalqa abbuzivament u minghajr jedd legali, u interpellatha sabiex tohrog mill-ghalqa u thalliha libera favur l-istess esponenti.

Illi b'ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju 2015, l-esponenti regghet interpellat lill-intimata sabiex tizgombra mill-ghalqa fuq imsemmija, li hija qieghda tokkupa abbuzivament u minghajr jedd legali, u thalliha battala favur l-istess esponenti.

Illi minkejja li l-intimata kienet debitament notifikata bl-imsemmija ittra ufficjali, hija baqghet inadempjenti u ghadha sal-lum qed tokkupa din l-art abbuzivament u kontra l-ligi.

Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex it-talba tal-esponenti ghall-zgumbrament tal-intimata mill-ghalqa fuq imsemmija tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha, billi sa fejn taf l-esponenti, l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'taghti kontra din it-talba.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jistghu jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din il-Qorti tizgombra mill-ghalqa mill-ghalqa 'Tal-Hlas', fi Triq Tal-Hlas, limiti ta' Hal-Qormi, u tirrilaxxjaha bil-pussess battal favur l-esponenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-8 ta’ Awwissu 2011 u tad-19 ta’ Awwissu 2011, u tal-ittra uficjali tad-9 ta’ Lulju 2015 kontra l-intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bir-riserva ghal kull azzjoni ohra, inkluz dik ghad-danni, kompetenti lill-esponenti skont il-ligi.

Rat id-digriet tas-27 ta' Lulju 2015 (fol 14), fejn il-Qorti rat ir-rikors guramentat u l-atti relattivi bit-talba ghad-decizjoni tal-kawza bid-dispensa tas-smigh, kif provdut fl-Artikolu 167 tal-Procedura Civili;

Billi, *stante* l-ferjat, din il-kawza ma tistax tigi appuntata fit-termini stabbiliti mil-Ligi relattivament ghall-procediment sommarju specjali (*vide* Artikolu 169, u l-Artikolu 10 tal-A.L. 139 tal-2004);

1. Tichad it-talba fuq imsemmija;
2. Tordna li din il-kawza tigi trattata u deciza fil-kors normali taghha;
3. Tappunta l-istess kawza ghal nhar il-20 ta' Ottubru 2015 fid-9.30a.m;
4. Tordna li r-rikors guramentat u l-atti l-ohrajn jigu notifikati lill-konvenuta li jkollha ghoxrin (20) gurnata zmien min-notifika lilha tar-rikors guramentat biex tipprezenta r-risposta taghha;
5. Tordna li dan id-digriet jigi notifikat lill-konvenuta flimkien ma' l-atti l-ohrajn imsemmijin a spejjez provvizorjament tas-socjeta' attrici;

Spejjez riservati.

Rat ir-risposta guramentata ta' Filippa Agius ID 1014546 (M) datata 12 ta' Awwissu 2015 (fol 18) fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha l-istess Filippa Agius ID 1014546 (M) ikkonfermat :-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi l-imsemmija

Filippa Agius ghandha titolu validu fil-ligi ghall-ghalqa "Tal-Hlas" fi Triq tal-Hlas, limiti ta' Hal-Qormi.

2. Illi l-esponenti hija l-werrieta universali tad-defunt zewgha Joseph Agius li kien l-inkwilin tal-ghalqa u li kien akkwista l-ghalqa minghand huh Philip sive Pinu Agius li kien ihallas il-qbiela lil sid l-ghalqa Emanuela Agius.

3. Illi jekk is-socjeta' L & D Attard Company Limited akkwistat il-propjeta' tal-ghalqa permezz ta' liberazzjoni a favur taghha wara bejgh in licitazzjoni, dan il-fatt wahdu ma jbiddel xejn mir-relazzjoni ta' sid u inkwilin, hlief li s-sid inbidel u s-sid irid jaccetta l-qbiela minghand l-inkwilini.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici L & D Attard Company Limited (C-2398) datata 15 ta' Novembru 2018 a fol 170 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Filippa Agius datata 27 ta' Frar 2019 a fol 183 *et seq* tal-process.

Rat il-verbali tas-seduta kollha inkluz dak tal-Hamis, 27 ta' Gunju, 2019. fejn il-kawza ssejhet qabel il-hin minn Dr Pawlu Lia u Dr Phyllis Aquilina. Dr Stephan Zrinzo Azzopardi ma setax jattendi ghax kien imsiefer. Fuq talba tad-difensuri prezenti, il-kawza giet differita ghas-sentenza in *defetto ostacolo* ghas-16 ta' Lulju 2019 fid-9:30a.m.

Meta ssejhet il-kawza fil-hin dehret Dr Elaine Degiorgio li hadet konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz ta' dan il-kaz qed jintalab l-izgumbrament tal-intimata mill-ghalqa "Tal-Hlas" fi Triq Tal-Hlas, Limiti ta' Hal Qormi *stante* li l-intimata qed tokkupa l-fond minghajr titlu. L-intimata laqghet billi sostniet li ghandha titlu validu fil-ligi, hi werrieta universali tad-defunt zewgha Joseph Agius li kien l-inkwilin tal-ghalqa u li kien akkwista l-ghalqa minghand huh Philip Agius li kien ihallas il-qbiela, u li s-socjeta` rikorrenti li akkwistat l-ghalqa ghandha taccetta l-qbiela minghand l-inkwilin.

### Fatti:

Jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti akkwistat l-imsemmija ghalqa permezz ta' Digriet ta' liberazzjoni tal-ghalqa in kwistjoni datat 5 ta' Mejju 1983 esebit bhala Dok A, fil-licitazzjoni mizmuma taht l-awtorita` tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Peress li l-imsemmija ghalqa tinsab okkupata mill-intimata s-socjeta` rikorrenti baghtet ittra legali datata 8 ta' Awwissu 2011, Dok D u ittra ufficjali datat 9 ta' Lulju 2015, Dok E u in segwitu pprocediet bil-kaz odjern.

**Provi:**

**Filippa Agius** xehdet permezz ta' affidavit (fol 26) u qalet li zewgha Joseph illum defunt, kien jiddetjeni b'titolu ta' qbiela minghand Lela Agius il-proprjeta` tar-raba' "Tal-Hlas" fil-limiti ta' Hal Qormi, u zewgha kien ihallas qbiela ta' Lm8 illum ekwivalenti ghal €18, u hu kien imur ihallas din il-qbiela ghand Lela fi Sqaq fi Triq Santa Katerina, Qormi. Semmiet li zewgha miet f'Jannar 2011 u wirtet ir-raba` hi. Spjegat li hi m'ghandhiex kopja tar-ricevuti, ghax fl-1997 kienu serqu mazz karti u libretti mill-vettura ta' zewgha. Ziedet tghid, li precedentement, ghal zewgha, l-qbiela kienet tghajjat lil huh, Philip Agius, li ghadu haj u kien ihallas il-qbiela lil Lela Agius. Peress li Philip ma felahx jahdem aktar ir-raba` fl-1977, hu ghaddiha lil zewgha u fl-1982 zewgha u huh Philip kienu marru l-Ghammieri biex ir-raba' tigi registrata fuq Joseph Agius. Spjegat li wara dak iz-zmien, Lela Agius ma baqghetx taccetta l-qbiela ghax kienet qalet li r-raba' inbieghet u ma sabux aktar lil min ihallsu l-qbiela.

**In kontro-ezami** qalet li ktieb ta' qbiela m'ghandhiex, ghax kien insteraq minn gol-vann tad-defunt zewgha, kien fl-1997 u ghamlu rapport dwar dan, u dak iz-zmien kienu jhallsu l-qbiela lil Lela Agius. Spjegat li huma kienu jhallsu qbiela ghandha regolarment imbaghad fl-1980, jew 1982 ma hallsux izjed, kienu marru ghandha biex ihallsu u qalet li r-raba' nbiegh u ma baqghetx taccetta qbiela.

**Janet Pace** xehdet permezz ta' affidavit (fol 27) qalet li hi bint Joseph u Filippa Agius, u qalet li lil missierha tiftakru

jahdem ir-raba' in kwistjoni, u hi u hutha wkoll kienu jmorru jahdmu din ir-raba'.

**Marcelle Camilleri** xehdet permezz ta' affidavit (fol 28) u kkonfermat dak li qalet ohtha Janet Pace.

**Claudine Agius** ukoll ikkonfermat b'affidavit (fol 29) dak li qalet ohtha Janet Pace.

**Filippa Pace** xehdet permezz ta' affidavit (fol 30) qalet li hi tahdem ir-raba' tal-familja Pace li minnu hi ghandha sehem u nofs, u ilha tahdem din ir-raba' ghal dawn l-ahhar hamsin sena. Qalet li kienet taf lil Joseph Agius, ghax kien jahdem ir-raba' ta' magenbhom.

**Karmenu Agius** xehed permezz ta' affidavit (fol 31) u qal li jigi hu d-defunt Joseph Agius. Qal li Joseph Agius hu, kien jahdem ir-raba' in kwistjoni, u jaf li Joseph kien ihallas il-qbiela Hal Qormi ghand wahda jisimha Lela. U precedentement ghal huh Joseph, kien hemm huh Pinu jahdem l-ghalqa.

**Saviour Agius** xehed permezz ta' affidavit (fol 32) qal li jigi hu l-mejjet Joseph Agius li kellu l-qbiela tar-raba' in kwistjoni, u hu ghandu raba' bi qbiela fl-istess inhawi.

**Philip Agius** xehed permezz ta' affidavit (fol 34) u qal li ghall-habta tal-1967 kien ha bi qbiela l-ghalqa "Tal-Hlas" fil-limiti ta' Hal Qormi kif murija fil-pjanta annessa Dok A. Spjega li hu kien ihallas il-qbiela lil certu Lela kull sena, izda qal li r-ricevuti m'ghadhomx ghandu, ghax remihom meta biddel id-dar. Spjega li fl-1977 hu ma setax jahdem

aktar l-ghalqa in kwistjoni u beda jahdimha huh Joseph, u fl-1982, kienu marru l-Ghammieri hu u huh u dawru r-registrazzjoni fid-Dipartiment minn fuq ismu ghal fuq isem huh. Zied ighid, li wara l-mewt ta' huh, l-ghalqa baqghet tinhadem minn martu u minn uliedu.

**Kenneth Cassar** xehed (fol 41-46)[1] u qal, li f'Settembru 2011 kien jahdem id-Dipartiment tal-Agrikoltura. Spjega li Philip Agius kien irregistra fl-1 ta' Awwissu 1967 bhala bidwi, u s-sidien tal-art kienu Anglu Vella u Francis Agius. Sussegwentement qal li sar it-trasferiment ta' din l-art minn Philip Agius ghal fuq Joseph Agius fit-18 ta' Novembru 1982. Qal li l-*original records* tal-Ghammieri m'ghadx ghandu access ghalihom peress li m'ghadux jahdem hemm, u qed jixhed mid-dokument li ghaddewlu, li mhux l-original. Mistoqsi qattx ra ktieb tal-kera f'dan il-kaz qal li ma jiftakarx.

**Joseph Borg,** *Agricultural Officer* mad-Dipartiment tal-Agrikoltura xehed (fol 64-70)[2] qal li ilu f'din il-kariga erba' snin, kienu jzommu registru tal-kotba tar-raba', izda issa dawn qeghdin l-arkivju nazzjonali. Rigward l-art Tal-Hlas, hu esebixxa pjanta Dok JB1. Esebixxa wkoll Dok JB2, il-*parcel* 206 li jinsab fuq in-naha tax-xellug. Esebixxa Dok JB 3 li juri *parcels* ta' raba' ohra, u Dok JB4, Dok JB 5 u Dok JB6, u kien registrat bhala sid Angelo Vella. Qal li l-ahhar registrazzjoni li ghandu qeghda fuq Jospeh Agius 637 Qormi, u ta' qablu kien Philip Agius. Dwar il-ktieb tal-qbiela, qal li dan m'ghandux x'jaqsam mar-Registru tar-raba'. Qal

---

[1] Seduta tal-1 ta' Marzu 2016.
[2] Seduta tat-28 ta' Gunju 2016

li huma bhala Dipartiment ma jidhlux fil-kwistjoni jekk kellux dritt jokkupa l-art *o meno*.

Xehed ulterjorment (fol 124-128)[3] u esebixxa Dok JB7 l-pjanta ta' *parcel* 299,300 u 301 u *parcel* 206. Esebixxa wkoll Dok JB8, JB9 u JB10, fejn hemm l-ismijiet tal-bdiewa.

Xehed ulterjorment (fol 136-140)[4] u kkonferma li d-dokumenti mal-ingunzjoni huma l-istess li hu diga pprezenta, fil-fatt muri d-dokumenti a fol 71 jikkonferma li huma l-istess, ghalhekk ma regghux gew esebiti d-dokumenti.

**Marcelle Camilleri** xehdet (fol 127-128)[5] u qalet li hi dejjem taf dik l-art ghand missierha mill-1977. Qalet li hi bint Filippa Agius, u ghandha 44 sena. Qalet li l-ewwel kienet ghand zijuha imbaghad l-art daret fuq missierha u kien ihallas il-qbiela lil Lela Agius minn Hal Qormi. Semmiet li l-ahhar qbiela li hallsu kienet fl-1983.

**Cristina Attard** xehdet permezz ta' affidavit (fol 145-146) qalet li hi ghandha r-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta` rikorrenti skont il-*Memorandum and Articles of Association*, u l-ghalqa "Tal-Hlas" kienet inxtrat mis-socjeta` rikorrenti b'bejgh b'subbasta li sar fil-25 ta' Novembru 1983, liema ghalqa ghadha proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti sal-lum. Qalet li saret taf li l-ghalqa giet akkwistata mill-kumpanija meta bdiet tinvolvi ruhha fix-xoghol. Qalet li kien gie l-kugin George Attard qalilha li

[3] Seduta tat-3 ta' Novembru 2016.
[4] Seduta tal-14 ta' Frar 2017.
[5] Seduta tat-3 ta' Novembru 2016.

meta kien ghaddej minn fejn l-ghalqa ra lil xi hadd fiha, kellimha, u meta kellimha l-avukat taghhom, qaltlu li din l-ghalqa wirtuha minghand missierhom bi qbiela u talbu biex jibdew ihallsu l-qbiela lis-sid. Qalet li wara korrispondenza b'ittri legali, pprocedew bil-kaz odjern.

**In kontro-ezami** qalet, li ilha mill-1998 li assumiet ir-rwol taghha fis-socjeta` rikorrenti. Spjegat li meta l-art giet akkwistata b'subbasta hemm indikat li l-art kienet libera u franka, u qatt hadd ma hallshom qbiela. Meta nxtrat l-art huma ma kinux avzaw la lil min kellu l-uzufrutt u lanqas lil haddiehor. Qalet li hi kellmet xi darbtejn lil Marcelle u ma tafx x'inhi l-parentela taghha ma' Filippa Agius.

**George Attard** xehed permezz ta' affidavit (fol147) u qal, li jaf li l-art Tal-Hlas Qormi hi proprjeta` ta' L&D Attard Company Limited, liema socjeta` kienet nofsha ta' missieru Disma Attard u nofsha taz-ziju Lawrence Attard. Qal li mar fejn l-ghalqa in kwistjoni, liema ghalqa qatt ma thallset qbiela lilhom, u meta mar fuq is-sit, kien hemm persuna fl-ghalqa, li qaltlu li hi tahdem l-ghalqa.

**In kontro-ezami** qal (fol 156-158)[6] li ilu jinvolvi ruhu mal-kumpanija mill-ahhar 20 sena, u meta nxtrat l-ghalqa hu ma kienx involut. Qal li sussegwentement kien imur fuq is-sit u infumawh li min kien jahdem l-ghalqa miet u li baqghu jahdmuha martu u wliedu, u hu meta mar fuq is-sit dejjem tkellem ma' tfajla li sab hemmhekk.

[6] Seduta tas-16 ta' Jannar 2018.

**Dr. Alessandro Lia** xehed (fol 150-151)[7] u qal li circa hames snin ilu kienet giet Christine Attard l-ufficju fejn infurmatu bil-problema u hu ttenta jsolvi l-problema bonarjament billi kkuntattja lill-persuna koncernata li taghha Christine kienet ghaddietlu t-telefon, u meta kellimha hi kienet qaltlu li taf li m'ghandhomx titolu fuq l-art, izda ma kinux ser johorgu minn go l-art in kwistjoni, u riedu jhallsu l-qbiela, u ma regax kien involut f'kuntatti ohrajn.

**In kontro-ezami** qal, li meta fuq it-telefon kien kellem lill-persuna u identifika x'kienet il-kwistjoni, jiftakar li qaltlu li jafu li m'ghandhomx titolu, u li ma kinux qed ihallsu qbiela u kienet offriet li jibdew ihallsu l-qbiela. Qal li fehmet sew dwar liema art kienu qed jitkellmu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:</u>**

Illi f'dan il-kaz is-socjeta` rikorrenti qed tikkontendi li hi proprjetarja tal-imsemmija ghalqa. Min-naha l-ohra, l-intimata qed issostni li ghandha titolu ta' qbiela fuq din l-art.

Illi huwa principju assodat li l-piz tal-prova hu fuq min jafferma fatt *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat* (**Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Vol XXXVII-I-578). Minn ezami akkurat tal-provi f'dan il-kaz, jigi dedott li l-intimata ssostni li hi eredi universali tad-defunt zewgha Joseph Agius. Izda, jigi osservat, li ma gabet l-ebda prova dokumentarja dwar il-qbiela li hi qed tippretendi li wirtet minghand zewgha, u lanqas prova tas-successjoni ta' zewgha. Inoltre`, ghalkemm isostni li kienet tithallas il-

[7] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2017.

qbiela sal-1983 lil Emanuela Agius, maghrufa bhala Lela Agius, lanqas dan il-fatt ma gie ppruvat bl-ebda mod.

Philip Agius, l-inkwilin tal-ghalqa precedentement ghal Joseph Agius, xehed li m'ghandux il-ktieb tal-kera peress li ntrema meta biddel ir-residenza tieghu. L-intimata, fix-xhieda u fis-sottomissjonijiet finali taghha ssostni li l-ktieb tal-kera kien insteraq mill-van tad-defunt zewgha u kienu pprezentaw rapport dwar dan. Fis-sottomissjonijiet tal-intimata, dan is-serq gie deskritt bhala kumbinazzjoni suspettuza. Madankollu din il-Qorti ma tistax tibbaza d-decizjoni taghha fuq supposizzjonijiet izda fuq fatti u provi konvincenti li jirrizultaw fl-atti tal-kaz.

Fid-dawl tas-suespost, jigi ritenut, li l-intimata ma pproduciet l-ebda prova dokumentarja dwar l-allegata cessjoni ta' qbiela favur zewgha minn huh Philip Agius. Difatti, kif tajjeb sottomess mis-socjeta` rikorrenti, din ic-cessjoni li kellha ssir bil-kitba[8] tidher li qatt ma saret.

Inoltre kif ammess fix-xhieda, il-qbiela ilha ma tithallas sa mill-bidu tas-snin tmenin, 1980-1983. Difatti, kemm l-intimata u kemm bintha Marcelle ikkonfermaw li Emanuela Agius, minn dakinhar l'hawn kienet irrifjutat il-qbiela *stante* li infurmat li l-art inbieghet. Izda anke dwar dan l-allegat hlas qabel il-licitazzjoni, il-qorti ghandha biss stqarrija unilaterali mill-intimata li mhix sorretta minn prova tal-hlas attendibbli.

---

[8] Artikolu 1469 u 1470(1) tal-Kap 16.

Konsegwentement tqies li l-prova tal-hlas tal-qbiela sal-grad rikjest bil-ligi hija karenti. Il-kaz citat fis-sottomissjonijiet tal-intimata fl-ismijiet **Ian Abela Fitzpatrick noe vs Web Trading Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-24 ta' Novembru 2003, mhijiex applikabbli ghall-kaz odjern, *stante* li dak il-kaz jitratta debitu dovut u ma jitrattax kaz ta' qbiela bhall-kaz in ezami.

Jirrizulta li Emanuela Agius kellha l-uzufrutt ta' nofs l-ghelieqi li kien hallielha missierha Francesco Agius. Dan jirrizulta mill-inkartament esebit mill-intimata dwar il-kaz **Salvatore Agius et vs Andrea Agius** Cit Numru 285/1978, deciza fl-1 ta' Marzu 1983, fejn hemm anness ukoll kopja tar-relazzjoni legali ta' Dr. Joseph M. Ciappara u kopja tar-relazzjoni teknika tal-Perit Renato Laferla. Illi f'dawn l-atti esebiti fil-process, jirrizulta li din l-ghalqa tinsab soggetta ghall-uzufrutt ta' Emanuela Agius. Izda, f'dak il-kaz Emanuela Agius, ipprocediet flimkien mar-rikorrenti l-ohra sabiex ma tibqax izzomm komuni mal-bqija tal-partijiet il-gid provenjenti mill-wirt tal-genituri taghha. Fil-fatt, hu pacifiku li fl-istess sentenza sucitata hemm dikjarat li Emanuela Agius kellha l-uzufrutt fuq in-nofs indiviz minn dan il-gid. Fost il-gid provenjenti mill-wirt tal-genituri ta' Emanuela Agius kien hemm l-ghalqa "Tal-Hlas", l-ghalqa mertu tal-vertenza in ezami.

Fil-fatt, tajjeb jigi nnutat li dan l-uzufrutt jissemma wkoll fl-avviz tal-bejgh b'licitazzjoni ta' din il-proprjeta`, li bih is-socjeta` rikorrenti akkwistat l-ghalqa *de quo*. Jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti esebiet il-prova tat-titlu taghha fuq din l-

art billi dan jirrizulta b'mod manifestament car mid-digriet ta' liberazzjoni tal-ghalqa in kwistjoni favur ir-rikorrenti fil-licitazzjoni mizmuma taht l-awtorita` tal-Qorti datata 5 ta' Mejju 1983, esebit bhala Dok A mar-rikors promotur. F'dan il-kuntest, tajjeb jigi affermat, li f'dawn l-atti, m'hemm l-ebda accenn li kien hemm qbiela fuq din l-ghalqa, liema fattur kien certament jimpingi fuq il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Perit Tekniku u mill-Perit Legali fuq il-valur tal-art ghall-fini tad-divizjoni. Ghalhekk, jigi ritenut li t-titolu tal-akkwist tal-proprjeta` da parti tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta b'mod car.

L-intimata, b'referenza ghall-allegazzjoni li ghandha titolu ta' qbiela, ressqet lix-xhud Joseph Borg, in rapprezentanza tad-Direttorat tal-Agrikoltura, li xehed dwar ir-registru tal-kotba tar-raba' mizmum mid-Dipartiment. Illi ix-xhud kkonferma li kienu jnizzlu dak li ighidulhom il-bdiewa, u kkonferma li l-ktieb tal-hlas tal-qbiela m'ghandux x'jaqsam mar-Registru tal-kotba tar-raba'. Ghalhekk, il-fatt, li kien sar it-trasferiment minn Philip Agius, hu r-rikorrent, li ma riedx jahdem aktar l-ghalqa, ghal fuq Joseph Agius, ir-ragel tal-intimata, fir-Registru tar-Raba' tad-Dipartiment tal-Agrikolutura certament, ma jaghtix titolu lill-intimata.

Tajjeb li jigi ribadit, hekk kien gie osservat fil-kaz **Olive Gardens Investments Limited v Salvu Farrugia et** (PA (RCP) - 30/10/2010): "*hekk per ezempju d-dokumenti esebiti mir-rapprezentanti tal-Ghammieri ma jikkrejaw u lanqas jindikaw l-ebda titolu ta' qbiela jew xi titolu iehor,*

*izda tali registrazzjoni kienet issir u ghadha issir biss a skop ta' registrazzjoni ta' raba'*."

F'dan il-kuntest, l-argumenti tal-intimata fis-sottomissjonijiet finali, ma jregux. L-ewwel argument, li Emanuela Agius kellha l-uzufrutt shih tal-ghalqa in kwistjoni, kwindi *ai termini* tal-artikolu 340 tal-Kap 16, hi setghet tqabbel ir-raba' favur terzi, ma jregix. Fl-ewwel lok, kif diga sottolineat aktar 'il fuq Emanuela Agius ma kellhiex l-uzufrutt shih tal-ghalqa in kwistjoni, *stante* li hemm dikjarat fis-sentenza datata l-1 ta' Marzu 1983, li hi kellha nofs sehem indiviz mill-gid provenjenti mill-wirt.  Fit-tieni lok, l-intimata ma tistax tikkampa fuq l-artikolu 340 tal-Kap 16 ghaliex ma saritx la l-prova necessarja tal-hlas, u f'kull kaz, ma ngabitx prova tar-relazzjoni lokatizja pretiza mill-intimata.

Aparti tali konsiderazzjonijiet fattwali, anke fuq il-pjan guridiku, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-intimata li l-uzufrutt ma jigix terminat mal-licitazzjoni tal-fond. Fil-kaz odjern, il-licitazzjoni giet ordnata fil-kuntest ta' kawza ta' divizjoni.

Illi fil-kaz fl-ismijiet **Romeo Fleri et v Giuseppe Portelli et.** (PA(AM) **-** dec. fit-2 ta' Marzu 1959) gie ribadit li :

"*Jekk il-fond fil-licitazzjoni jkun suggett ghal uzufrutt, dak l-uzufrutt ma ghandux jibqa' jaggrava fuq il-prezz kollu rikavat f'licitazzjoni tal-fond; ghax bil-licitazzjoni tispicca l-komunjoni mhux biss dwar il-proprjeta' tal-beni mibjugha, izda anki dwar l-uzufrutt kostitwit fuq dawk il-beni.*

*Ghaldaqstant meta ssir l-istima tal-fond li jkun ser jigi licitat, din ghandha tkun komparattiva tal-proprjeta' nuda u tal-uzufrutt, u ghandu jigi stabbilit f'liema percentwali ghandu jinqasam bejn l-uzufruttwarji u n-nudi proprjetarji l-prezz li jigi rikavat mill-fondi soggetti ghall-uzufrutt. (**Kollezz.XXXII.II.417).**"* (Ara wkoll **Kollezz. XXXI.II.411** citat mill-Qorti f'dik is-sentenza).

Illi din il-qorti taqbel ma' din il-linja ta' hsieb li ssib konferma f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna.

Fil-kawza **John Debono et vs Avukat Dr Edwin E. Bonello nomine et** deciza fid-19 ta' Novembru 1966, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rriteniet li: "*Li, infatti, gie minn dejjem ritenut li l-ezistenza ta' l-uzufrutt ma huwiex impediment ghall-licitazzjoni, ghaliex l-uzufrutt, bhal proprjeta`, huwa soggett ghal-ligijiet tad-divizjoni, u fil-kaz li dina ssir imprattikabbli, l-istess uzufrutt ghandu jigi licitat; dana jinghad in bazi ghall-principju prevalenti f'din il-materja li; 'la licitazione facendo cessare la comunione della proprieta', fa anche cessare l'usufrutto, costituito sopra una parte dello stesso fondo, a favore di un terzo"* **(Kollez. XXI.ii.411; XXIX.ii.913; XXXII.ii.417; XXXIII.ii.214; XXXIV.ii.555)."**

Dan l-estratt ittiehed mis-sentenza **Abela vs Micallef** deciza fit-23 ta' Jannar 1912 (Vol. XXI.ii.411) mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn il-qorti osservat li "l-*Artikolu 383 tal-Kodici Civili .... e applicabile solo nel caso in cui il proprietario vendesse la nuda proprieta', o se di questa*

*fosse ordinata la vendita ad istanza dei suoi creditori, e non gia' ancora nel caso in cui si ordinasse la licitazione di un fondo invdivisibile, di cui una porzione e posseduta da un terzo in usufrutto, siccome tale vendita e' fatta in esecuzione di un diritto stabbilito dalla legge*."

Mis-sentenza jidher li l-bazi ghad-decizjoni tal-qorti kien li jekk l-uzufrutt ma jispiccax, ".... *il godimento di esso continuerebbe ad essere comune tra l'usufruttuario di tale parte e l'acquirente".*

(Ara wkoll per ezempju sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-kawza fl-ismijiet: **Mary Said vs Joseph Deguara et** deciza fil-5 ta' Ottubru 1993; kif ukoll **Giorgia Mercieca v Carmela Sciberras et**. **-** Qorti tal-Magistrati (Ghawdex - Gurisd. Sup. per On. Imh. Anthony Ellul deciza fit-12 ta' April 2011).

Dan l-insenjament kien ukoll addottat minn din il-Qorti kif ippresjeduta mill-On. Imhallef Tonio Mallia fil-kaz deciz fil-5 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet **Rita mart Lawrence Desira et v Mary armla ta' Anthony Caruana et.** fejn il-Qorti rriteniet hekk:

*"Dan fil-fatt, wara li stima l-proprjeta' in divizjoni, ressaq pjan ta' qasma, pero', huwa halla l-uzufrutt li tgawdi Mary Caruana vigenti fuq il-proprjeta' kif minnu diviza. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan, peress li l-iskop ta' kawza ta' divizjoni hu biex jigi terminat l-istat ta' kommunanza bejn il-partijiet, u jekk l-uzufrutt jithalla in ezistenti, dan l-istat ta'*

*"komunjoni" jibqa' jissustixxi bejn l-uzufruttwarja u l-proprjetarji. Fil-fatt, fil-kawza* ***"Abela vs Micallef****", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, 1912, il-Qorti kienet ordnat li mal-bejgh in licitazzjoni tal-fondi in komun, l-uzufrutt ghandu jispicca ghaliex altrimenti l-godiment tal-fond jibqa' komuni bejn l-uzufruttwarju u l-akkwirent. Fil-kawza "****Borg vs Chetcuti",*** *ukoll deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Lulju, 1946, din il-Qorti kienet addottat it-taghlim ta'* **Laurent** *fis-sens li 'se la cosa venduta in piena proprieta' e' stata alienata per un prezzo unico, bisognera' procedere ad una valutazione, vale a dire, stimare il valore comparativo della nuda proprieta' e dell'usufrutto, e fissare in conseguenza la parte del prezzo che appartiene a ciascuno dei venditori. L-usufruttuario non potrebbe domandare che la somma totale pagato dal compratore gli fosse rimessa per goderne vita durante.' "*

Illi wkoll, l-intimata stess ikkonfermat li din il-qbiela ilha ma tithallas mill-bidu tas-snin tmenin, ghaliex Emanuela Agius kienet infurmatha li l-art inbieghet u b'hekk ma gietx accettata qbiela b'referenza ghall-ghalqa mertu ta' dan il-kaz. Fid-dawl tas-suespost, mankanti l-prova ta' din ir-relazzjoni guridika, il-fatt li l-intimata u l-familjari taghha setghu kellhom pussess tal-ghalqa, u anke hadmuha, mhuwiex bizzejjed biex johloq titlu ta' qbiela.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet spjegati, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata u ser takkolji t-talba tas-socjeta` rikorrenti.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata, u filwaqt li tiddikjara li l-intimata qed tokkupa l-proprjeta' in mertu minghajr l-ebda jedd legali, tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti, u konsegwentement tordna lill-intimata sabiex fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum tizgombra mill-ghalqa "Tal-Hlas", fi Triq il-Hlas , limiti ta' Hal Qormi, u tirrilaxxjaha bil-pussess battal favur is-socjeta` rikorrenti.

**L-ispejjez - inkluzi dawk tal-ittra legali tat-8 ta' Awwissu 2011 u tad-19 ta' Awwissu 2011 u tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Lulju 2015 jithallsu mill-intimata.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Lulju 2019**